*ir-roghlijiet tiegħu jew il-loqma bħala ħlas għall-*
*qgħu minsijin ir-roghlijiet tiegħu*
*ħidma tiegħu.*
*Il-"Għaqda" ħasset li għandha tieħu l-inizjattiva biex dan*
*in-nuqqas jissewwa. Il-lum rajna kemm kienet kbira l-ħtieġa li*
*l-"Għaqda" titqanqal għax il-memorandum tagħna xegħel għaj-*
*dut ma' Malta kollha: il-biċċa l-kbira tal-gazzetti ippubblikaw*
*il-memorandum tal-"Għaqda" u ikkommentaw fuqu, bosta xir-*
*kiet u assocjazzjonijiet issieħbu mal-fehma tal-"Għaqda". Il-*
*memorandum il-lum qajjem kurżjenza pubblika u sar moviment*
*nazzjonali. J'Alla dan il-moviment inissel ftehim għall-ġid tal-*
*kittieba u għall-ġieħ ta' l-Ilsien Malti, għax dan biss hu l-ħsieb*
*tal-"Għaqda" kif taraw mill-memorandum li qegħdin inġibu*
*hawn:—*

*"Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" stħarrġet il-qagħda tax-*
*xandir ta' kitba bil-Malti minn fuq ir-Rediffusion u tħoss ruħ-*
*ha fid-dmir li tqiegħed quddiem il-pubbliku dawn il-konklużjo-*
*nijiet :—*

*1. Ħafna xandir bil-Malti, għalkemm isir bil-ħsieb li jagħti*
*pjaċir intellettwali lis-semmiegħa, hu nieqes minn dawk il-kwa-*
*litajiet edukattivi u letterarji li wieħed għandu l-jedd jistenna.*

*2. Ir-raġuni ta' dan tidher li hija l-fatt li l-biċċa l-kbira ta'*
*dan ix-xandir qed isir mingħajr ħlas, jew b'xi ħlas żgħir, u mħab-*
*ba f'hekk il-Kumpannija tar-Rediffusion ma tistax tagħti lis-*
*semmiegħa tagħha xandir ta' kwalità tajba li mhux biss jogħġob*
*imma jeduka wkoll.*

*3. Billi x-xandir ta' qari, kitba, taħdit, eċċ., isir mingħajr*
*ħlas, ftit huma dawk il-kittieba tajba li jaċċettaw jitkellmu minn*
*fuq ir-Rediffusion.*

*4. Jiddispjaċina ngħidu li l-Kumpannija tar-Rediffusion*
*għax issib ruħha moqdija bis-servizzi li jagħtu b'xejn xi xan-*
*dara u kittieba mhix tħoss il-ħtieġa li tgħolli l-kwalità tas-ser-*
*vizzi bil-Malti.*

*5. Billi x-xandir bil-Malti mir-Rediffusion jisimgħu kwa-*
*żi l-poplu kollu u l-għadd ta' l-"abbonati" jilħaq l-eluf, il-kwi-*
*stjoni ta' dax-xandir ma tistax titqies aktar bħala ħaġa privata.*
*Wisq nibżgħu li l-effett ta' dak li jinstama' minn fuq ir-Redif-*
*fusion jista' jkun ta' ħsara għall-formazzjoni tal-karattru u l-*
*mentalità tal-poplu, għall-edukazzjoni ta' palat letterarju u arti-*
*stiku, u hekk jinħoloq, u biż-żmien jikber, konflitt bejn ix-xogħol*
*edukattiv magħmul mill-iskejjel u l-effetti anti-edukattivi tas-*



*servizzi bil-Malti mxandra mill-Kumpannija. Insemmu fost*
*ħwejjeġ oħra bħala eżempju l-qari ta' rumanzi melodrammatiċi*
*li l-lum huma mxarrba minn kull min jifhem fil-letteratura.*

*6. Ta' min ifakkar illi l-B.B.C. fl-Ingilterra u kumpanni-*
*jiet oħra f'pajjiżi progressivi qatt ma jinqdew b'xogħol letterarju*
*bla ma jħallsuh kif jixraq. Hi l-fehma tagħna li jekk il-Kumpan-*
*nija tar-Rediffusion timxi bl-istess mod—kif inhu xieraq li tagħ-*
*mel—hi tkun tista' tinqeda mhux biss b'xogħlijiet tajba u ta'*
*fejda iżda li jagħtu pjaċir ukoll; u b'hekk il-Kumpannija tkun*
*qiegħda tagħdi dmirha tassew mas-semmiegħa tagħha."*

---

## LIL MARTI

**(F'EGHLUQ IL-25 SENA MIŻ-ŻWIEĠ TAGHNA)**

*Ta'* E. Mallia

Imqarraq le ma mortx x'ħin jien f'żgħożiti
Għajnejja fuqek xħett, tarraft l-imħabba:
Lilek, li wkoll jien rajt f'għajnejk titrabba
Mill-ħars għażiż u rżin sa minn ċkuniti:

Il-lum li rajt isseħħ ħolmet tfuliti
Mhemmx għalfejn minnek jien inkun imxabba':
Ġiehek żammejt fil-għoli, qatt ma ttabba',
Kabbartli sigra u ħsibt għal żmien xjuħiti.

Il-ferħ, in-niket, l-hena, qsamt int miegħi
U kemm burraxki ġew, ilqajt bis-sabar;
Farraġtni min jaf kemm fid-dwejjaq tiegħi.

Miegħek għammart is-snin fost l-akbar sliema
U hekk nittama nibqgħu sa ġol-qabar:
Nistqarr li qatt u qatt ma ġietni ndiema!

4. IX. 51.